Parlament Ewropew

# Gwida għall-kandidati fil-proċeduri ta' selezzjoni organizzati mill-Parlament Ewropew

# WERREJ


**WERREJ ..... 2**

**1. INTRODUZZJONI ..... 3**

**2. KIF TAPPLIKA ..... 3**
2.1 Kummenti ġenerali ..... 3
2.2 Kif tibgħat il-fajl tal-applikazzjoni komplut tiegħek ..... 4
2.2.1 Akkomodazzjoni raġonevoli ..... 4
2.3 Dokumenti ġustifikattivi li għandek tehmeż mal-fajl tal-applikazzjoni ..... 5
2.3.1 Kummenti ġenerali ..... 5
2.3.2 Dokumenti ġustifikattivi għall-kriterji ta' eleġibbiltà ġenerali ..... 5
2.3.3 Dokumenti ġustifikattivi għall-kriterji ta' eleġibbiltà speċifiċi ..... 5
Diplomi u/jew ċertifikati li jattestaw it-tlestija b'suċċess tal-istudji ..... 5
Esperjenza professjonali (jekk mitluba) ..... 6
Għarfien lingwistiku ..... 7

**3. STADJI FIL-PROĊEDURA ..... 7**
3.1 Ammissjoni u evalwazzjoni tal-kwalifiki (l-ewwel fażi) ..... 7
3.1.1 Ammissjoni ..... 7
3.1.2 Evalwazzjoni tal-kwalifiki ..... 8
3.2 Testijiet (it-tieni fażi) ..... 8
3.3 Lista ta' kandidati idonei ..... 9

**4. SKWALIFIKA ..... 9**

**5. INFORMAZZJONI ĠENERALI ..... 9**
5.1 Kontribuzzjoni finanzjarja għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza/għar-rimborż tal-ispejjeż tal-missjonijiet b'rabta mat-testijiet li jsiru bi preżenza fiżika 9
5.2 Talbiet mill-kandidati għal aċċess għall-informazzjoni li tikkonċernahom ..... 10
5.3 Protezzjoni tad-data personali ..... 11

**6. TALBIET GĦAL RIEŻAMI – ILMENTI U APPELLI – ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW ..... 11**

**ANNESS I ..... 12**

**ANNESS II ..... 16**

**ANNESS III ..... 20**
TALBIET GĦAL RIEŻAMI – ILMENTI U APPELLI – ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW ..... 20
A. Talbiet għal rieżami ..... 20
B. Ilmenti amministrattivi u azzjoni ġudizzjarja ..... 20
C. Tressiq ta' lment lill-Ombudsman Ewropew ..... 21

# 1. INTRODUZZJONI

Il-proċeduri ta' selezzjoni jiġu organizzati biex jiġu identifikati, evalwati u magħżula kandidati li jkunu idonei biex jokkupaw pożizzjonijiet temporanji fil-Parlament Ewropew. Huma miftuħa għaċ-ċittadini kollha tal-UE li jissodisfaw il-kriterji ta' eleġibbiltà (ġenerali u speċifiċi) u li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa sad-data li fiha jagħlqu l-applikazzjonijiet. Jiżguraw li l-kandidati kollha jkollhom opportunità ġusta biex juru l-ħiliet tagħhom, u dan jippermetti selezzjoni bbażata fuq il-mertu u trattament ugwali.

L-iskop tal-pożizzjonijiet temporanji huwa li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet amministrattivi u operattivi tal-Parlament Ewropew, sew ta' għarfien espert speċjalizzat u sew ta' persunal biex jiżgura l-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tas-servizzi tiegħu.

Il-kandidati li jgħaddu minn proċedura ta' selezzjoni jitpoġġew f'lista ta' kandidati idonei, li minnha l-Parlament Ewropew jirrekluta abbażi tal-ħtiġijiet tiegħu. Il-fatt li l-kandidati jitpoġġew f'lista ta' riżerva mhuwiex garanzija ta' reklutaġġ: il-kandidati jistgħu jinħatru biss meta pożizzjoni temporanja li tikkorrispondi tkun disponibbli fit-tabella tal-persunal u meta r-riżorsi baġitarji neċessarji jkunu disponibbli.

Għal kull proċedura jitwaqqaf kumitat ta' selezzjoni. Il-membri tiegħu jinħatru mill-amministrazzjoni u mill-kumitat tal-persunal tal-Parlament Ewropew. Il-proċeduri tiegħu huma kunfidenzjali u jsiru f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Biex jidentifika l-kandidati l-aktar idonei, il-kumitat ta' selezzjoni jqabbel il-kwalifiki, l-esperjenza professjonali u l-prestazzjoni tal-kandidati biex jevalwa l-idoneità tagħhom biex iwettqu d-dmirijiet deskritti fl-avviż ta' reklutaġġ. Il-kumitat ma jevalwax biss l-għarfien tal-kandidati, iżda jidentifika wkoll il-persuni l-aktar kwalifikati abbażi tal-mertu.

# 2. KIF TAPPLIKA

## 2.1 Kummenti ġenerali

Qabel tapplika, **qis li tissodisfa l-kriterji ta' eleġibbiltà kollha** billi taqra bir-reqqa l-avviż ta' reklutaġġ u din il-gwida, u billi tieħu nota tar-rekwiżiti.
L-applikazzjoni tiegħek trid tibgħatha biss permezz tal-pjattaforma online Apply4EP. Biex toħloq kont fuq Apply4EP, ikklikkja fuq it-tab "Applika online" fin-naħa t'isfel tal-avviż ta' reklutaġġ u segwi l-istruzzjonijiet.
**Jista' jkollok kont Apply4EP wieħed biss**, iżda tista' taġġorna l-informazzjoni personali tiegħek jekk ikun meħtieġ.
Jekk ikollok diffikultajiet biex toħloq kont Apply4EP jew problemi tekniċi, jekk jogħġbok ikkuntattja lil PERS-APPLY4EPContacts@europarl.europa.eu.
Qis li tivvalida l-applikazzjoni online kompluta tiegħek, flimkien mad-dokumenti ġustifikattivi meħtieġa kollha, f'Apply4EP sal-iskadenza speċifikata fl-avviż ta' reklutaġġ.
**L-applikazzjonijiet u d-dokumenti ġustifikattivi li jintbagħtu f'Apply4EP wara l-iskadenza ma jiġux ikkunsidrati**. Tistenniex sal-aħħar jum biex tapplika. Il-Parlament Ewropew ma jista' jinżamm responsabbli għall-ebda problema teknika li tinqala' fl-aħħar minuta li tista' tiġi kkawżata minn volum qawwi fis-sistema.

Jiġu kkunsidrati biss l-applikazzjonijiet li jintbagħtu permezz ta' Apply4EP. Tibgħatx l-applikazzjoni tiegħek bil-posta rreġistrata jew ordinarja u tippreżentahiex bl-idejn, għax l-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti ma taċċettahiex.
L-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti hija responsabbli mill-komunikazzjoni kollha mal-kandidati matul il-proċedura. Il-korrispondenza kollha, inklużi l-istediniet għat-testijiet u n-notifiki tar-riżultati tat-testijiet, se tintbagħat lill-indirizz tal-email ipprovdut fl-applikazzjoni Apply4EP tiegħek.

**Iċċekkja l-emails tiegħek regolarment** u aġġorna d-dettalji personali tiegħek jekk ikun hemm bżonn.
Iċċempilx lill-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti.
Tista' tibgħat kwalunkwe mistoqsija billi twieġeb l-email li tikkonferma li l-applikazzjoni online tiegħek waslet.
Jekk ikollok bżonn ċertifikat ta' attendenza għat-testijiet, tista' titlob wieħed billi twieġeb il-messaġġ li jistiednek għat-test.

## 2.2 Kif tibgħat il-fajl tal-applikazzjoni komplut tiegħek

**(a)** Ikklikkja fuq it-tab "Applika online" fl-avviż ta' reklutaġġ. Jekk diġà għandek kont, agħmel il-log in. Jekk għad m'għandekx kont, oħloq wieħed.

**(b)** Ehmeż id-dokumenti ġustifikattivi meħtieġa kollha, preferibbilment f'format PDF (id-dokumenti jistgħu jittellgħu wkoll fil-formati DOC, DOCX, GIF, JPG, TXT, PNG u RTF, iżda l-format PDF huwa ppreferut). Huwa ferm irrakkomandat li tħejji d-dokumenti ġustifikattivi kollha tiegħek minn qabel. Jekk għandek diversi dokumenti, iġborhom f'fajl wieħed, preferibbilment f'format PDF, qabel ma tagħmel upload tagħhom. Qis li d-dokumenti tiegħek ikunu leġġibbli u li l-fajl li ttella' f'Apply4EP ma jkunx akbar minn 5 MB.

**(c)** Ivvalida l-applikazzjoni tiegħek billi ssegwi l-istruzzjonijiet f'Apply4EP. Ladarba tkun ivvalidajt l-applikazzjoni tiegħek, ma tkunx tista' tbiddilha jew iżżid dokumenti magħha.

**NB:** Jekk tħalli l-paġna mingħajr ma tissejvja jew tiffinalizza l-applikazzjoni tiegħek, jew jekk is-sessjoni fuq Apply4EP tiskadi (ħin massimu ta' sessjoni: 120 minuta), titlef l-informazzjoni li tkun tellajt u jkollok terġa' tibda.

Kull applikazzjoni li tintbagħat permezz ta' Apply4EP tiġi kkonfermata b'email li tispeċifika li l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. Jekk ma tarax l-email ta' konferma fl-inbox tiegħek, qis li tiċċekkja l-folder tal-ispam tiegħek.

### 2.2.1 Akkomodazzjoni raġonevoli

Jekk għandek diżabbiltà jew qed tesperjenza ċirkostanzi speċifiċi li jistgħu jaqilgħu problemi matul it-test (eż. tqala, treddigħ, problemi tas-saħħa, trattament mediku), dan trid tispeċifikah fl-applikazzjoni tiegħek. Jekk tixtieq titlob akkomodazzjoni raġonevoli, tkun trid timla formola ta' talba, li se tingħatalek qabel il-fażi tal-ittestjar. Jeħtieġlek tipprovdi dokumenti ġustifikattivi biex tiġġustifika t-talba tiegħek għal akkomodazzjoni raġonevoli. Id-dokumenti ġustifikattivi jistgħu jinkludu ċertifikati mediċi, nota mingħand tabib(a), jew prova ta' akkomodazzjoni raġonevoli preċedenti, bħal kwalunkwe akkomodazzjoni mogħtija preċedentement għal eżamijiet matul l-edukazzjoni jew il-karriera professjonali tiegħek. L-informazzjoni fid-dokumenti ġustifikattivi tiegħek tiġi evalwata bl-għan li tiġi pprovduta l-akkomodazzjoni meħtieġa.

Għandek tibgħat il-formola ta' talba u d-dokumenti ġustifikattivi lis-Servizz Mediku tal-Parlament Ewropew billi tuża l-indirizz tal-email apposta msemmi fil-formola. Jekk jogħġbok tibgħat ebda informazzjoni medika lill-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti. Jekk jogħġbok ħu nota li **trid tibgħat talba għal akkomodazzjoni raġonevoli għal kull proċedura li tapplika għaliha,** peress li s-Servizz Mediku ma jżommx rekords tat-talbiet preċedenti minħabba r-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data. Madankollu**, tista' terġa' tuża l-istess dokumenti ġustifikattivi jekk is-sitwazzjoni tiegħek tibqa' l-istess.**

Kun af li s-software tal-ittestjar online (TestWe) **bħalissa mhuwiex aċċessibbli għall-kandidati li jużaw qarrejja tal-iskrin, magnifiers jew software ta' traskrizzjoni awtomatika tat-taħdit, jew għall-kandidati b'insuffiċjenza fis-smigħ**, peress li jkollhom jikkuntattjaw lill-fornitur jekk ikollhom problema waqt it-test.

Se jsiru arranġamenti alternattivi, fejn xieraq, għall-kandidati li jitolbu akkomodazzjoni raġonevoli (pereżempju kandidati b'insuffiċjenza fil-vista jew fis-smigħ jew kandidati b'disturb fid-diskors u/jew fil-lingwa), dment li t-talba tagħhom tiġi approvata mis-Servizz Mediku tal-Parlament Ewropew.

## 2.3 Dokumenti ġustifikattivi li għandek tehmeż mal-fajl tal-applikazzjoni

### 2.3.1 Kummenti ġenerali

Id-dokumenti li ttella' mal-applikazzjoni online tiegħek m'hemmx bżonn li jkunu kopji awtentiċi attestati.
Ir-referenzi għal siti web jew għal kontijiet tal-media soċjali mhumiex dokumenti ġustifikattivi validi. Dokumenti stampati minn siti web mhumiex se jitqiesu bħala ċertifikati, għalkemm jistgħu jiġu inklużi purament biex jagħtu informazzjoni addizzjonali.

***Curriculum vitae* ma jitqiesx dokument ġustifikattiv li jiċċertifika l-esperjenza professjonali, il-kwalifiki jew l-għarfien tal-lingwi.**

Waqt il-kompilazzjoni tal-fajl tal-applikazzjoni tiegħek, tagħmilx referenza għal formoli ta' applikazzjoni jew għal kwalunkwe dokument ieħor li tellajt b'rabta ma' applikazzjoni preċedenti.

### 2.3.2 Dokumenti ġustifikattivi għall-kriterji ta' eleġibbiltà ġenerali

F'dan l-istadju, l-ebda dokument mhu meħtieġ biex jagħti prova li inti:

- ċittadin(a) ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
- tgawdi mid-drittijiet ċivili kollha;
- tissodisfa kwalunkwe obbligu impost fuqek mil-liġijiet dwar is-servizz militari; u
- għandek ir-referenzi dwar il-karattru xierqa li jattestaw l-idoneità tiegħek biex twettaq id-dmirijiet ikkonċernati.

**Jeħtieġlek timmarka l-kaxxa biex tiddikjara solennement** li tissodisfa l-kriterji u li l-informazzjoni mogħtija hija veritiera u kompluta. F'każ li tkun irreklutat(a), tintalab tipprovdi dokumenti li jippruvaw l-eleġibbiltà tiegħek.

### 2.3.3 Dokumenti ġustifikattivi għall-kriterji ta' eleġibbiltà speċifiċi

Lill-kumitat ta' selezzjoni trid tipprovdilu l-informazzjoni u d-dokumenti kollha li jeħtieġ sabiex jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni li pprovdejt fil-formola tal-applikazzjoni.

### Diplomi u/jew ċertifikati li jattestaw it-tlestija b'suċċess tal-istudji

L-applikazzjoni online tiegħek trid tinkludi kopji tad-diplomi tal-edukazzjoni sekondarja jew għolja tiegħek, tad-diplomi universitarji jew taċ-ċertifikati li jattestaw li lestejt l-istudji tal-livell meħtieġ mill-avviż ta' reklutaġġ.

Il-kumitat ta' selezzjoni se jqis is-sistemi edukattivi differenti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ara l-Annessi I u II ta' din il-gwida). Id-diplomi, sew jekk maħruġa fi Stat Membru jew f'pajjiż mhux tal-UE, iridu jkunu rikonoxxuti minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE, bħall-ministeru għall-edukazzjoni. Jekk għandek diplomi maħruġa minn pajjiż mhux tal-UE, mal-applikazzjoni tiegħek trid tipprovdi dikjarazzjoni ta' ekwivalenza tal-UE għad-diplomi. Tista' ssib aktar informazzjoni dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki mhux tal-UE fuq is-sit web tan-networks ENIC-NARIC.
Għad-diplomi postsekondarji, trid tipprovdi l-aktar informazzjoni dettaljata possibbli, b'mod partikolari

dwar is-suġġetti li studjajt u t-tul ta' żmien li matulu studjajthom, sabiex il-kumitat ta' selezzjoni, jekk stipulat fl-avviż, ikun jista' jevalwa r-rilevanza tad-diplomi għad-dmirijiet li għandhom jitwettqu.

Jekk tibgħat diplomi relatati ma' taħriġ tekniku jew vokazzjonali, taħriġ ulterjuri jew korsijiet ta' speċjalizzazzjoni, trid tiddikjara jekk il-kors kienx full-time, part-time jew jekk kienx jikkonsisti fi klassijiet ta' filgħaxija u trid tipprovdi dettalji tas-suġġetti li studjajt u t-tul uffiċjali tal-kors. Jekk jogħġbok tella' din l-informazzjoni f'dokument wieħed.

## Esperjenza professjonali (jekk mitluba)

Jitqiesu biss il-perjodi ta' esperjenza professjonali **miksuba wara l-għoti tad-diploma/diplomi jew tal-kwalifika/kwalifiki meħtieġa**. **Biex turi l-esperjenza professjonali tiegħek**, trid tipprovdi dokumentazzjoni rilevanti li tipprova b'mod ċar:

- it-tul tal-esperjenza professjonali tiegħek;
- il-livell tal-esperjenza professjonali tiegħek; u
- deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol li għamilt.

Mhuwiex biżżejjed li tipprovdi ċertifikati tal-impjieg li sempliċement jikkonfermaw il-perjodu tal-impjieg. Il-kumitat ta' selezzjoni jrid ikun jista' **jivvaluta kif l-esperjenza tiegħek tirrelata mad-dmirijiet** deskritti fl-avviż ta' reklutaġġ. **Jekk id-dokumenti tiegħek ma jinkludux deskrizzjoni tal-kompiti tiegħek, l-esperjenza tiegħek ma tistax tiġi evalwata sew u tista' ma tiġix ikkunsidrata.**
**Id-dikjarazzjonijiet kollha** ta' esperjenza professjonali fl-applikazzjoni tiegħek **iridu għalhekk ikunu ssostanzjati bid-dokumenti ġustifikattivi xierqa**. Dawn li ġejjin huma eżempji ta' dokumenti aċċettabbli (lista mhux eżawrjenti).

- Dikjarazzjonijiet minn impjegaturi attwali jew preċedenti li jikkonfermaw li għandek il-livell ta' esperjenza professjonali meħtieġa, kif speċifikat fl-avviż ta' reklutaġġ (pereżempju ċertifikati mill-impjegaturi, attestazzjonijiet tal-impjieg, rapporti ta' evalwazzjoni jew valutazzjoni, ittri ta' referenza jew ta' rakkomandazzjoni).
- Jekk il-kunfidenzjalità ma tippermettilekx li tipprovdi tali dikjarazzjonijiet, trid tibgħat dokumentazzjoni alternattiva, bħal fotokopji tal-kuntratt tal-impjieg tiegħek **b'deskrizzjoni tal-impjieg**, ittra ta' reklutaġġ, u kemm l-ewwel rendikont tal-paga kif ukoll l-aktar rendikont reċenti tal-paga tiegħek.
- Jekk ix-xogħol twettaq b'mod indipendenti (pereżempju bħala persuna li taħdem għal rasha jew membru tal-professjonijiet liberi), jiġu aċċettati bħala prova fatturi għas-servizzi pprovduti jew kwalunkwe dokument uffiċjali ieħor rilevanti għall-attivitajiet professjonali tiegħek.

Dawn id-dokumenti huma essenzjali biex tiġi vverifikata l-esperjenza professjonali tiegħek u biex jiġi żgurat li l-kumitat ta' selezzjoni jkun jista' jevalwa r-rilevanza tagħha għad-deskrizzjoni tal-impjieg. Dokumentazzjoni mhux kompluta jew insuffiċjenti tista' twassal biex l-esperjenza professjonali tiegħek ma tiġix rikonoxxuta.

Kull perjodu ta' esperjenza professjonali jista' jitqies darba biss. L-esperjenza professjonali għandha tikkostitwixxi xogħol ġenwin u effettiv u għandha tkun imħallsa. Madankollu, tipi oħra ta' esperjenza professjonali jistgħu jitqiesu, kif deskritt hawn taħt.

- Esperjenza professjonali bħala voluntier(a): l-esperjenza miksuba bħala voluntier(a) tingħadd jekk kienet irregolata minn kuntratt jew ftehim formali ekwivalenti u jekk damet mill-anqas ħames xhur full-time. Ma tingħatax kreditu għal aktar minn sena esperjenza bħala voluntier(a).
- Traineeships imħallsa jew mhux imħallsa: it-traineeships jingħaddu jekk ma ffurmawx parti minn kors ta' studju u jekk damu mill-anqas ħames xhur full-time. Ma tingħatax kreditu għal aktar minn sena esperjenza miksuba permezz tat-traineeships. Jiġi biss ikkunsidrat bħala esperjenza professjonali rilevanti t-tul minimu tat-traineeship li trid titlesta sabiex jinkiseb

aċċess għal professjoni, u dan jingħadd biss jekk tkun effettivament ksibt id-dritt li tipprattika l-professjoni inkwistjoni.

- Servizz militari jew ċivili obbligatorju: jekk wettaqt tali servizz, tingħata kreditu għat-tul ta' żmien tas-servizz. F'dan il-każ speċifiku, l-esperjenza tiegħek titqies anki jekk wettaqt is-servizz tiegħek qabel id-data li fiha tkun ksibt id-diploma li tagħti aċċess għall-grupp ta' funzjonijiet u l-grad rilevanti.
- Liv tal-maternità/paternità/adozzjoni/ġenituri/familja: jekk ħadt tali liv waqt li kont kopert(a) minn kuntratt ta' impjieg, jiġi kkunsidrat bħala xogħol full-time, irrispettivament minn jekk itteħidx fuq bażi full-time jew half-time.
- Dottorat: ix-xogħol biex jinkiseb dottorat jingħadd għal massimu ta' tliet snin, dment li tkun fil-fatt ksibt id-dottorat.
- Xogħol part-time: l-ammont ta' esperjenza professjonali miksuba permezz ta' xogħol part-time jiġi kkalkulat *pro rata* abbażi tan-numru ta' sigħat maħduma (pereżempju jekk ħdimt jumejn f'ġimgħa ta' xogħol ta' ħamest ijiem għal perjodu ta' 10 xhur, dan ikun jgħodd bħala erba' xhur esperjenza professjonali). Madankollu, il-kumitat ta' selezzjoni jista', għad-diskrezzjoni tiegħu, jiddeċiedi li jikkunsidra xogħol li twettaq fuq bażi ta' mill-anqas half-time bħala ekwivalenti għal xogħol full-time, għall-finijiet tal-kalkolu tal-esperjenza professjonali tiegħek.

### Għarfien lingwistiku

Jeħtieġlek tindika:

- il-**lingwa 1** tiegħek u l-livell ta' għarfien tiegħek ta' din il-lingwa,
- il-**lingwa 2** tiegħek u l-livell ta' għarfien tiegħek ta' din il-lingwa, u
- kwalunkwe lingwa oħra li taf.

**Jekk jogħġbok innota li l-lingwa 1 u l-lingwa 2 iridu jkunu differenti.**

Jekk jogħġbok innota li l-livelli minimi meħtieġa speċifikati fl-avviż ta' reklutaġġ iridu jinkisbu f'kull qasam ta' kapaċità lingwistika (taħdit, kitba, qari, smigħ) imsemmi fil-formola tal-applikazzjoni. Dawn il-livelli jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fil-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (https://europa.eu/europass/common-european-framework-reference-language-skills), fejn C2 huwa l-ogħla livell fil-qafas u A1 huwa l-aktar baxx.
Il-fajl tal-applikazzjoni tiegħek m'għandu għalfejn jinkludi ebda dokument li jipprova li għandek l-għarfien lingwistiku speċifikat fil-formola tal-applikazzjoni tiegħek.

# 3. STADJI FIL-PROĊEDURA

## 3.1 Ammissjoni u evalwazzjoni tal-kwalifiki (l-ewwel fażi)

### 3.1.1 Ammissjoni

L-ewwel, l-awtorità tal-ħatra tfassal lista ta' kandidati li ddikjaraw li jissodisfaw il-kriterji ġenerali sal-iskadenza stipulata fl-avviż ta' reklutaġġ. Imbagħad, tibgħat din il-lista lill-president tal-kumitat ta' selezzjoni.

It-tieni, il-kumitat ta' selezzjoni jiddeċiedi jammettix lil kull wieħed jew waħda mill-kandidati għall-proċedura ta' selezzjoni billi jevalwa jekk dawn jissodisfawx il-kriterji speċifiċi. Meta jagħmel dan, japplika b'mod strett il-kriterji stabbiliti fl-avviż ta' reklutaġġ. Kull avviż ta' reklutaġġ huwa kompletament separat mill-oħrajn kollha, u l-ammissjoni għal proċedura ta' selezzjoni preċedenti ma tiggarantix l-ammissjoni għal xi proċedura ta' selezzjoni oħra.

### 3.1.2 Evalwazzjoni tal-kwalifiki

Il-kumitat ta' selezzjoni jevalwa l-kwalifiki tal-applikazzjoni ta' kull wieħed jew waħda mill-kandidati eleġibbli.
Il-kumitat ta' selezzjoni jfassal lista ta' kandidati li għandhom jiġu mistiedna għat-testijiet, fosthom il-kandidati *ex aequo* għall-aħħar post disponibbli. L-għadd ta' kandidati li għandhom jiġu mistiedna għat-testijiet huwa speċifikat fl-avviż ta' reklutaġġ.

## 3.2 Testijiet (it-tieni fażi)

It-testijiet kollha huma obbligatorji u eliminatorji. Isiru fl-istess ġurnata jew fuq żewġ ġranet konsekuttivi. L-għadd massimu ta' kandidati ammessi għat-testijiet, id-dettalji tat-testijiet u l-punti li jistgħu jingħataw għat-testijiet huma speċifikati fl-avviż ta' reklutaġġ.

It-testijiet bil-miktub jistgħu jsiru jew bi preżenza fiżika jew b'mod remot. Jekk isiru bi preżenza fiżika, il-kandidati jiġu mistiedna fil-binjiet tal-Parlament Ewropew. Jekk isiru b'mod remot, il-kandidati jintalbu jużaw il-pjattaforma TestWe, skont l-istruzzjonijiet li ġejjin.

**Is-software tal-ittestjar online bħalissa ma jissodisfax il-ħtiġijiet tal-aċċessibbiltà diġitali ta' xi utenti (ara t-Taqsima 2.2.1 ta' din il-gwida għal aktar informazzjoni).**

Jekk tista' tuża s-software biex tagħmel it-test, se jkollok bżonn **kompjuter personali** (desktop jew laptop) u:

- sistema operattiva Microsoft Windows 10 jew aktar reċenti jew Mac OS X 10.15 jew aktar reċenti;
- kapaċità ta' 2 GB ta' spazju liberu fuq il-hard disk;
- web camera fuq in-naħa ta' quddiem li tkun konnessa mal-kompjuter tiegħek jew integrata fih;
- konnessjoni tal-internet;
- 4 GB ta' RAM (nirrakkomandaw 8 GB).

Jekk ikun hemm xi tibdil fir-rekwiżiti tekniċi minimi msemmija hawn fuq konsegwenza ta' kwalunkwe aġġornament tas-software, tirċievi notifika qabel it-test.

Is-sistemi operattivi li ġejjin mhumiex adatti: Windows XP, Windows Vista u eqdem, Windows 10 S, Windows ARM (RT), MacOS 10.11 u eqdem, iOS (iPad, iPhone), Android, Chromebook, Virtual Machine, Linux (Debian, Ubuntu, eċċ.) u 32-bit OS.

Se jkollok bżonn ukoll drittijiet ta' amministratur għall-kompjuter desktop jew għal-laptop li tkun qed tuża sabiex timblokka l-aċċess għall-applikazzjonijiet kollha (inklużi dokumenti, pakketti oħra ta' software, u siti web) minbarra s-software tal-ittestjar matul it-test.

Trid taċċerta ruħek li l-kompjuter tiegħek ikun issettjat bil-ħin u d-data korretti u li r-riżoluzzjoni tal-iskrin tiegħek tkun korretta.

**Trid tniżżel, tinstalla, tivverifika u tittestja l-pjattaforma mill-aktar fis possibbli**. Se tintalab twettaq test prerekwiżit biex tittestja l-applikazzjoni wara li tinstallaha. It-test prerekwiżit huwa **obbligatorju** u jrid isir **fuq il-kompjuter li se tuża fil-jum tat-test**. Mhux se jgħodd għall-punteġġ finali tiegħek. It-test jippermettilek tiffamiljarizza ruħek mal-pjattaforma u mal-użu tagħha.

Is-sistemi kollha ta' antivirus fuq id-desktop jew il-laptop tiegħek iridu jiġu diżattivati waqt li tkun qed tuża l-pjattaforma TestWe.

Aktar informazzjoni u struzzjonijiet dwar is-sessjoni tal-ittestjar se jintbagħtulek fl-email ta' stedina għat-test. Għandek taqra l-istruzzjonijiet bir-reqqa u ssegwihom b'mod strett.

Jekk tinqala' xi problema matul it-test, **ċempel minnufih lill-fornitur tas-servizz fuq +33 1 76 41 14 88** biex issolvi l-problema ħalli tkun tista' tkompli bit-test tiegħek.

Jekk it-test tiegħek twaqqfu, il-kopja tiegħek ma tiġix ikkoreġuta.

Id-data u l-ħin imsemmija fl-istedina għat-test huma **l-uniċi data u ħin li fihom it-test jista' jsir**. Jekk ma tkunx tista' tipparteċipa fit-test, **mhux se jkollok opportunità oħra biex tagħmlu.**

It-testijiet orali jistgħu jsiru jew bi preżenza fiżika jew b'mod remot.

### 3.3 Lista ta' kandidati idonei

Il-lista ta' kandidati idonei se tiġi ċċirkolata f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-avviż ta' reklutaġġ.

Jekk ismek jiġi inkluż fil-lista ta' kandidati idonei, dan ifisser li tista' tissejjaħ għal intervista minn wieħed mid-direttorati ġenerali tal-Parlament Ewropew. Madankollu, dan ma jfissirx li għandek id-dritt li tiġi rreklutat(a), u lanqas ma jiggarantixxi li se tiġi rreklutat(a). Il-validità tal-lista hija speċifikata fl-avviż ta' reklutaġġ.

## 4. SKWALIFIKA

Irrispettivament mill-istadju tal-proċedura li tkun ilħaqt, tiġi skwalifikat(a) jekk:

- ikollok aktar minn kont Apply4EP wieħed;
- tagħmel dikjarazzjonijiet foloz jew tibgħat dokumenti foloz;
- ma tniżżilx l-Ingliż jew il-Franċiż bħala l-lingwa 2 fl-applikazzjoni tiegħek;
- ma twieġibx għal stedina jew ma tkunx tista' tiġi kkuntattjat(a) permezz ta' email;
- ma tagħmilx it-testijiet;
- tqarraq matul it-testijiet;
- tonqos milli tikkonforma mal-istruzzjonijiet mogħtija għat-testijiet online;
- tipprova tikkuntattja lil membru tal-kumitat ta' selezzjoni b'mod mhux awtorizzat, kemm jekk b'mod dirett kif ukoll jekk b'mod indirett; jew
- tiffirma jew tagħmel marka ta' identifikazzjoni fuq it-test bil-miktub tiegħek, li jiġi kkoreġut b'mod anonimu.

Trid tagħti prova tal-ikbar integrità. Jekk twettaq jew tipprova twettaq frodi, tiġi ppenalizzat(a).

## 5. INFORMAZZJONI ĠENERALI

### 5.1 Kontribuzzjoni finanzjarja għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza/għar-rimborż tal-ispejjeż tal-missjonijiet b'rabta mat-testijiet li jsiru bi preżenza fiżika

**Għall-kandidati interni:** jekk inti wieħed jew waħda mill-uffiċjali jew l-aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea koperti mir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali jew mill-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra, attwalment taħdem mal-Parlament Ewropew u tirċievi stedina biex tattendi testijiet bi

preżenza fiżika, tista' tkun eleġibbli għar-rimborż tal-ispejjeż tal-missjonijiet tiegħek, f'konformità mal-Artikoli 11 sa 13 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

**Għall-kandidati esterni:** jekk tirċievi stedina biex tattendi testijiet bi preżenza fiżika, tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja **għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza** tiegħek.

Il-kandidati jingħataw dettalji tal-proċedura tat-talba fl-istedina għat-testijiet.

L-indirizz li tipprovdi fil-formola tal-applikazzjoni Apply4EP jitqies bħala l-post li minnu titlaq biex tieħu sehem fit-testijiet. Jekk tagħti avviż ta' bidla fl-indirizz wara li l-Parlament Ewropew ikun bagħat l-istediniet għat-testijiet, il-bidla fl-indirizz ma titqiesx sakemm il-Parlament Ewropew ma jqisx li ċ-ċirkostanzi li tinvoka jammontaw għal force majeure jew inkella huma kompletament eċċezzjonali. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tiżgura li l-indirizz tiegħek fil-kont Apply4EP tiegħek ikun dejjem aġġornat.

## 5.2 Talbiet mill-kandidati għal aċċess għall-informazzjoni li tikkonċernahom

Il-kandidati għandhom dritt speċifiku li jkollhom aċċess għal ċerta informazzjoni li tikkonċernahom direttament u individwalment, kif deskritt hawn taħt. Jekk ismek ma ġiex inkluż fil-lista ta' kandidati idonei, il-Parlament Ewropew jista' għalhekk jipprovdi, fuq talba tiegħek, dikjarazzjoni tal-marki li ksibt f'kull taqsima tat-testijiet. Kwalunkwe talba għal aċċess għall-informazzjoni trid issir permezz tal-kont Apply4EP tiegħek **fi żmien xahar** mid-data li fiha tkun intbagħtet l-email li tinnotifikak bir-riżultati tat-test.

Talba għal aċċess għall-informazzjoni hija dejjem relatata ma' deċiżjoni finali tal-kumitat ta' selezzjoni. Għaldaqstant:

- m'għandekx tistenna biex tirċievi l-informazzjoni li tlabt qabel ma tressaq talba għal rieżami (ara t-taqsima 6 hawn taħt), peress li l-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti ma tkunx tista' tipproċessa t-talba tiegħek għal aċċess għall-informazzjoni sa wara l-iskadenza għat-tressiq ta' talba għal rieżami; u
- jekk tkun ressaqt talba għal rieżami tal-evalwazzjonijiet tiegħek, għandek tistenna sakemm ikollok it-tweġiba tal-kumitat ta' selezzjoni għal dik it-talba għal rieżami (jiġifieri d-deċiżjoni finali tiegħu) qabel ma tagħmel talba għal aċċess għall-informazzjoni.

It-talbiet għall-informazzjoni jridu jiġu pproċessati skont ir-rekwiżit biex il-proċeduri tal-kumitat ta' selezzjoni jkunu sigrieti, kif stabbilit fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 6 tal-Anness III). Dan ifisser li l-fehmiet tal-kumitat ta' selezzjoni ma jistgħux jiġu żvelati, u lanqas ma tista' tiġi żvelata informazzjoni relatata mal-evalwazzjoni personali jew komparattiva tal-kandidati.

Tali talbiet iridu jiġu pproċessati wkoll skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom. Il-Parlament Ewropew iwieġeb it-talbiet għal aċċess għall-informazzjoni fi żmien xahar minn meta jirċevihom.

Tista' titlob l-informazzjoni li ġejja:

- għall-evalwazzjoni tal-kwalifiki: il-punti li ngħatajt għal kull wieħed mill-kriterji ta' evalwazzjoni ewlenin;
- kopja mhux ikkoreġuta tal-karta tat-test bil-miktub tiegħek;
- it-tabelli tal-punteġġi individwali tiegħek (li jistabbilixxu l-punti li ksibt għal kull wieħed mill-kriterji ta' evalwazzjoni ewlenin) għal kull test li għalih ġejt mistieden/mistiedna.

Jekk titqiegħed fil-lista ta' kandidati idonei, tista' tagħmel talba għal aċċess għall-informazzjoni biss

ladarba tkun irċevejt notifika li ismek ġie inkluż fil-lista.

## 5.3 Protezzjoni tad-data personali

Bħala l-korp responsabbli għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet/proċeduri ta' selezzjoni, il-Parlament Ewropew jiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata fir-rispett sħiħ tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE[1], speċjalment rigward il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tagħha.

# 6. TALBIET GĦAL RIEŻAMI – ILMENTI U APPELLI – ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

L-informazzjoni dwar talbiet għal rieżami, appelli u lmenti lill-Ombudsman Ewropew tista' tinstab fl-Anness III ta' din il-gwida.

[1] ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj.

# ANNESS I

Tabella **indikattiva** tal-kwalifiki tal-**Unjoni Ewropea** li jagħtu aċċess għall-kompetizzjonijiet/proċeduri ta' selezzjoni tal-grupp ta' funzjonijiet AD[2] (kull każ jiġi evalwat għalih):

| **PAJJIŻ** | **Kors universitarju li jdum mill-anqas erba' snin** | **Kors universitarju li jdum mill-anqas tliet snin** |
|---|---|---|
| **Belgique – België – Belgien** | Licence / Licentiaat / Diplôme d'études approfondies (DEA) / Diplôme d'études spécialisées (DES) / Diplôme d'études supérieures spécialisées (DESS) / Gediplomeerde in de Voortgezette Studies (GVS) / Gediplomeerde in de Gespecialiseerde Studies (GGS) / Gediplomeerde in de Aanvullende Studies (GAS)<br>Agrégation de l'enseignement secondaire supérieur (AESS)/ Aggregaat<br>Ingénieur industriel/Industrïeel ingenieur / Master — 60/120 ECTS / Master complémentaire — 60 ECTS ou plus<br>Agrégation de l'enseignement secondaire supérieur (AESS) — 30 ECTS<br>Doctorat/Doctoraal Diploma | Bachelor académique (dit «de transition») - 180 ECTS<br>Academisch gerichte Bachelor - 180 ECTS |
| **България** | Диплома за висше образование Бакалавър — 240 ECTS / Магистър — 300 ECTS / Доктор<br>Магистър след Бакалавър — 60 ECTS / Магистър след Професионален бакалавър по … — 120 ECTS | |
| **Česká republika** | Diplom o ukončení vysokoškolského studia / Magistr / Doktor | Diplom o ukončení bakalářského studia (Bakalář) |
| **Danmark** | Kandidatgrad/Candidatus / Master/Magistergrad (Mag.Art) / Licenciatgrad / Ph.d.-grad | Bachelorgrad (B.A or B. Sc) / Professionsbachelorgrad / Diplomingeniør |
| **Deutschland** | Master (alle Hochschulen) / Diplom (Univ.) / Magister / Staatsexamen / Doktorgrad | Bachelor / Fachhochschulabschluss (FH)<br>Staatsexamen (Regelstudienzeit 3 Jahre) |
| **Eesti** | Rakenduskõrghariduse diplom Bakalaureusekraad (160 ainepunkti) / Magistrikraad / Arstikraad / Hambaarstikraad / Loomaarstikraad / Filosoofiadoktor / Doktorikraad (120–160 ainepunkti) | Bakalaureusekraad (min 120 ainepunkti) / Bakalaureusekraad (< 160 ainepunkti) |
| **Éire/Ireland** | Céim Onórach Bhaitsiléara (4 bliana/240 ECTS) *Honours Bachelor Degree (4 years/* 240 ECTS) / Céim Ollscoile *University Degree /*<br>Céim Mháistir (60-120 ECTS) *Master's Degree (60- 120 ECTS) / Céim Dochtúra Doctorate* | Céim Onórach Bhaitsiléara (3 bliana/180 ECTS) (BA, BSc, BEng) *Honours Bachelor Degree* (3 *years*/180 ECTS) (BA, BSc, BEng) |

[2] L-aċċess għall-gradi 7 sa 16 tal-grupp ta' funzjonijiet AD huwa soġġett għall-kundizzjoni ulterjuri ta' esperjenza professjonali adegwata ta' mill-anqas sena.

| PAJJIŻ | Kors universitarju li jdum mill-anqas erba’ snin | Kors universitarju li jdum mill-anqas tliet snin |
|---|---|---|
| **Ελλάδα** | Πτυχίο (ΑΕΙ πανεπιστημίου, πολυτεχνείου, ΤΕΙ υποχρεωτικής τετραετούς φοίτησης) 4 χρόνια (1ος κύκλος)<br>Μεταπτυχιακό Δίπλωμα Ειδίκευσης (2ος κύκλος) Διδακτορικό Δίπλωμα (3ος κύκλος) | |
| **España** | Licenciado / Ingeniero / Arquitecto / Graduado / Máster Universitario / Doctor | Diplomado / Ingeniero técnico<br>Arquitecto técnico/Maestro |
| **France** | Maîtrise / MST (maîtrise des sciences et techniques) / MSG (maîtrise des sciences de gestion)<br>DEST (diplôme d’études supérieures techniques)<br>/ DRT (diplôme de recherche technologique)<br>DESS (diplôme d’études supérieures spécialisées)<br>/ DEA (diplôme d’études approfondies)<br>Master 1 / Master 2 professionnel / Master 2 recherche<br>Diplôme des grandes écoles / Diplôme d’ingénieur / Doctorat | Licence |
| **Italia** | Diploma di Laurea (DL) — da 4 a 6 anni / Laurea specialistica (LS) / Laurea magistrale (LM) / Master universitario di primo livello / Master universitario di secondo livello / Diploma di Specializzazione (DS) / Dottorato di ricerca (DR) | Diploma universitario (3 anni) / Diploma di Scuola diretta a fini speciali (3 anni) / Laurea — L180 crediti |
| **Κύπρος** | Πανεπιστημιακό Πτυχίο/Bachelor<br>Master / Doctorat | |
| **Latvija** | Bakalaura diploms (160 kredīti) / Profesionālā bakalaura diploms / Maģistra diploms / Profesionālā maģistra diploms / Doktora grāds | Bakalaura diploms (min. 120 kredīti) |
| **Lietuva** | Aukštojo mokslo diplomas / Bakalauro diplomas<br>/ Magistro diplomas / Daktaro diplomas / Meno licenciato diplomas | Profesinio bakalauro diplomas Aukštojo mokslo diplomas |
| **Luxembourg** | Master / Diplôme d’ingénieur industriel / DESS en droit européen | Bachelor / Diplôme d’ingénieur technicien |
| **Magyarország** | Egyetemi oklevél / Alapfokozat – 240 kredit / Mesterfokozat / Doktori fokozat | Főiskolai oklevél / Alapfokozat – 180 kredit vagy annál több |
| **Malta** | Bachelor’s degree / Master of Arts / Doctorate | Bachelor’s degree |
| **Nederland** | HBO Bachelor degree<br>HBO/WO Master’s<br>degree<br>Doctoraal examen /Doctoraat | Bachelor (WO) |

| | | |
|---|---|---|
| **Österreich** | Master<br>Magister/Magistra<br>Magister/Magistra (FH)<br>Diplom-Ingenieur/in<br>Diplom-Ingenieur/in<br>(FH) Doktor/in<br>PhD | Bachelor<br>Bakkalaureus/Bakkalaurea<br>Bakkalaureus/Bakkalaurea<br>(FH) |

| PAJJIŻ | Kors universitarju li jdum mill-anqas erba' snin | Kors universitarju li jdum mill-anqas tliet snin |
|---|---|---|
| **Polska** | Magister / Magister inżynier<br>Dyplom doktora | Licencjat / Inżynier |
| **Portugal** | Licenciado / Mestre / Doutor | Bacharel / Licenciado |
| **Republika Hrvatska** | Baccalaureus / Baccalaurea (Sveučilišni Prvostupnik / Prvostupnica)<br>Stručni Specijalist<br>Master degree (magistar struke) 300 kredit min<br>magistar inženjer/ magistrica inženjerka (mag. ing).<br>Doktor struke / Doktor umjetnosti | Baccalaureus / Baccalaurea (Sveučilišni Prvostupnik / Prvostupnica) |
| **România** | Diplomă de Licenţă / Diplomă de inginer / Diplomă de urbanist / Diplomă de Master / Diplomă de Studii Aprofundate / Certificat de atestare (studii academice postuniversitare) / Diplomă de doctor | Diplomă de Licenţă |
| **Slovenija** | Univerzitetna diploma/ Magisterij /<br>Specializacija<br>/ Doktorat | Diploma o pridobljeni visoki strokovni izobrazbi |
| **Slovensko** | diplom o ukončení vysokoškolského štúdia / bakalár (Bc.) / magister magister/inžinier / ArtD | diplom o ukončení bakalárskeho štúdia (bakalár) |
| **Suomi/Finland** | Maisterin tutkinto — Magister-examen<br>Ammattikorkeakoulututkinto — Yrkeshögskoleexamen (min 160 opintoviikkoa — studieveckor)<br>Tohtorin tutkinto (Doktorsexamen) joko 4 vuotta tai 2 vuotta lisensiaatin tutkinnon jälkeen — antingen 4 år eller 2 år efter licentiatexamen / Lisensiaatti/Licentiat | Kandidaatin tutkinto<br>- Kandidatexamen / Ammattikorkeakoulututkinto<br>-<br>Yrkeshögskoleexamen (min 120 opintoviikkoa — studieveckor) |
| **Sverige** | Magisterexamen (akademisk examen omfattande minst 160 poäng varav 80 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 20 poäng eller två uppsatser motsvarande 10 poäng vardera) / Licentiatexamen / Doktorsexamen<br>Meriter på avancerad nivå: Magisterexamen, 1 år, 60 högskolepoäng / Masterexamen, 2 år, 120 högskolepoäng<br>Meriter på forskarnivå: Licentiatexamen, 2 år, 120 högskolepoäng / Doktorsexamen, 4 år, 240 högskolepoäng | Kandidatexamen (akademisk examen omfattande minst 120 poäng varav 60 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 10 poäng)<br>Meriter på grundnivå:<br>Kandidatexamen, 3 år, 180 högskolepoäng (Bachelor) |

| | | |
|---|---|---|
| **United Kingdom** | Honours Bachelor degree / Master’s degree (MA, MB, MEng, MPhil, MSc) / Doctorate<br>**NOTE:**<br>UK diplomas awarded on or before 31 December 2020 are accepted without an equivalence statement.<br>UK diplomas awarded on or after 1 January 2021 must be accompanied by an equivalence statement issued by a competent authority of an EU Member State. | (Honours) Bachelor degree<br>NB: Master’s degree in Scotland |

# ANNESS II

Tabella **indikattiva** tal-kwalifiki tal-**Unjoni Ewropea** li jagħtu aċċess għall-kompetizzjonijiet/proċeduri ta' selezzjoni tal-grupp ta' funzjonijiet AST[3] (kull każ jiġi evalwat għalih):

| **PAJJIŻ** | **Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja)** | **Edukazzjoni postsekondarja (kors ta' edukazzjoni għolja mhux universitarju jew kors universitarju qasir li jdum mill-anqas sentejn)** |
|---|---|---|
| **Belgique – België – Belgien** | Certificat de l'enseignement secondaire supérieur (CESS) / Diploma secundair onderwijs / Diplôme d'aptitude à accéder à l'enseignement supérieur (DAES) / Getuigschrift van hoger secundair onderwijs / Diplôme d'enseignement professionnel / Getuigschrift van het beroepssecundair onderwijs | Candidature - Kandidaat Graduat - Gegradueerde Bachelier (dit «professionnalisant» ou de «type court»)/ Professioneel gerichte Bachelor — 180 ECTS |
| **България** | Диплома за средно образование / Свидетелство за зрелост / Диплома / Диплома за завършено средно образование / Диплома за средно специално образование | Специалист по … |
| **Česká republika** | Vysvědčení o maturitní zkoušce | Vysvědčení o absolutoriu (Absolutorium) + diplomovaný specialista (DiS.) |
| **Danmark** | Bevis for: Studentereksamen<br>Højere Forberedelseseksamen (HF) / Højere Handelseksamen (HHX) / Højere Afgangseksamen (HA) / Bevis for Højere Teknisk Eksamen (HTX) | Videregående uddannelser = Bevis for = Eksamensbevis som (erhversakademiuddannelse AK) |
| **Deutschland** | Allgemeine Hochschulreife / Abitur / Fachgebundene Hochschulreife / Fachhochschulreife / Hochschulzugang für beruflich Qualifizierte | |
| **Eesti** | Gümnaasiumi lõputunnistus + riigieksamitunnistus<br>Lõputunnistus kutsekeskhariduse omandamise kohta | Tunnistus keskhariduse baasil kutsekeskhariduse omandamise kohta |
| **Éire/Ireland** | Ardteistiméireacht Grád D3 i 5 ábhar / *Leaving Certificate Grade D3 in 5 subjects* / Gairmchlár na hArdteistiméireachta (GCAT) / *Leaving Certificate Vocational Programme* (LCVP) | Teastas Náisiúnta / *National Certificate* /<br>Céim Bhaitsiléara / *Ordinary Bachelor Degree* Dioplóma Náisiúnta (ND, Dip.) / *National Diploma* (ND, Dip.) / Dámhachtain Ardteastas Ardoideachais (120 ECTS) / *Higher Certificate* (120 ECTS) |

[3] L-aċċess għall-grupp ta' funzjonijiet AST huwa soġġett għall-kundizzjoni ulterjuri ta' esperjenza professjonali xierqa ta' mill-anqas tliet snin.

| PAJJIŻ | Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja) | Edukazzjoni postsekondarja (kors ta' edukazzjoni għolja mhux universitarju jew kors universitarju qasir li jdum mill-anqas sentejn) |
|---|---|---|
| **Ελλάδα** | α) Απολυτήριο Γενικού Λυκείου β) Απολυτήριο Κλασικού Λυκείου<br>γ) Απολυτήριο Τεχνικού — Επαγγελματικού Λυκείου<br>δ) Απολυτήριο Ενιαίου Πολυκλαδικού Λυκείου<br>Απολυτήριο Ενιαίου Λυκείου / Απολυτήριο Τεχνολογικού Επαγγελματικού Εκπαιδευτηρίου / Απολυτήριο Γενικού Λυκείου / Απολυτήριο Επαγγελματικού Λυκείου | Δίπλωμα επαγγελματικής κατάρτισης (IEK) |
| **España** | Bachillerato Unificado y Polivalente (BUP) + Curso de Orientación Universitaria (COU) / Bachillerato | Técnico superior / Técnico especialista |
| **France** | Baccalauréat / Diplôme d'accès aux études universitaires (DAEU) / Brevet de technicien | Diplôme d'études universitaires générales (DEUG) / Brevet de technicien supérieur (BTS) / Diplôme universitaire de technologie (DUT) / Diplôme d'études universitaires scientifiques et techniques (DEUST) |
| **Italia** | Diploma di scuola secondaria superiore (diploma di maturità o esame di Stato conclusivo dei corsi di studio di istruzione secondaria superiore) | Certificato di specializzazione tecnica superiore/attestato di competenza (4 semestri) Diploma di istruzione e formazione tecnica superiore (IFTS) / Diploma di istruzione tecnica superiore (ITS) Diploma universitario (2 anni)<br>Diploma di Scuola diretta a fini speciali (2 anni) |
| **Κύπρος** | Απολυτήριο | Δίπλωμα = Programmes offered by Public/Private Schools of Higher Education (for the latter accreditation is compulsory) / Higher Diploma |
| **Latvija** | Atestāts par vispārējo vidējo izglītību<br>Diploms par profesionālo vidējo izglītību | Diploms par pirmā līmeņa profesionālo augstāko izglītību |
| **Lietuva** | Brandos atestatas | Aukštojo mokslo diplomas<br>Aukštesniojo mokslo diplomas |
| **Luxembourg** | Diplôme de fin d'études secondaires et techniques | Brevet de technicien supérieur (BTS) / Brevet de maîtrise / Diplôme de premier cycle universitaire (DPCU) / Diplôme universitaire de technologie (DUT) |
| **Magyarország** | Gimnáziumi érettségi bizonyítvány / Szakközép- iskolai érettségiképesítő bizonyítvány / Érettségi bizonyítvány | Bizonyítvány felsőfokú szakképesítésről |

| PAJJIŻ | Edukazzjoni sekondarja<br>(li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja) | Edukazzjoni postsekondarja (kors ta' edukazzjoni għolja mhux universitarju jew kors universitarju qasir li jdum mill-anqas sentejn) |
|---|---|---|
| **Malta** | Advanced Matriculation or GCE Advanced level in 3 subjects (2 of them grade C or higher) / Matriculation certificate (2 subjects at Advanced level and 4 at Intermediate level including systems of knowledge with overall grade A-C)<br>+ Passes in the Secondary Education Certificate examination at Grade 5 /<br>2 A Levels (passes A-E) + a number of subjects at Ordinary level, or equivalent | MCAST<br>diplomas/certificates<br>Higher National Diploma |
| **Nederland** | Diploma VWO / Diploma staatsexamen (2 diploma's) / Diploma staatsexamen voorbereidend wetenschappelijk onderwijs (Diploma staatsexamen VWO) / Diploma staatsexamen hoger algemeen voortgezet onderwijs (Diploma staatsexamen HAVO) | Kandidaatsexamen<br>Associate degree<br>(AD) |
| **Österreich** | Matura/Reifeprüfung<br>Reife-und<br>Diplomprüfung<br>Berufsreifeprüfung | Kollegdiplom<br>Akademiediplom |
| **Polska** | Świadectwo dojrzałości<br>Świadectwo ukończenia liceum ogólnokształcącego | Dyplom ukończenia kolegium nauczycielskiego Świadectwo ukończenia szkoły policealnej |
| **Portugal** | Diploma de Ensino Secundário/ Certificado de Habilitações do Ensino Secundário | |
| **Republika Hrvatska** | Svjedodžba o državnoj maturi<br>Svjedodžba o zavrsnom ispitu | Associate degree<br>Graduate<br>specialist<br>Stručni Pristupnik / Pristupnica |
| **România** | Diplomă de bacalaureat | Diplomă de absolvire (Colegiu universitar) învăţamânt preuniversitar |
| **Slovenija** | Maturitetno spričevalo (Spričevalo o poklicni maturi) (Spričevalo o zaključnem izpitu) | Diploma višje strokovne šole |
| **Slovensko** | vysvedčenie o maturitnej skúške | absolventský diplom |
| **Suomi/Finland** | Ylioppilastutkinto tai peruskoulu + kolmen vuoden ammatillinen koulutus<br>–<br>Studentexamen eller grundskola + treårig yrkesinriktad utbildning (Betyg över avlagd yrkesexamen på andra stadiet)<br>Todistus yhdistelmäopinnoista (Betyg över kombinationsstudier) | Ammatillinen opistoasteen tutkinto — Yrkesexamen på institutnivå |

| | | |
|---|---|---|
| **Sverige** | Slutbetyg från gymnasieskolan (3-årig gymnasial utbildning) | Högskoleexamen (80 poäng)<br>Högskoleexamen, 2 år, 120 högskolepoäng Yrkeshögskoleexamen/Kvalificerad yrkeshögskoleexamen, 1– 3 år |

| **PAJJIŻ** | **Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja)** | **Edukazzjoni postsekondarja (kors ta' edukazzjoni għolja mhux universitarju jew kors universitarju qasir li jdum mill-anqas sentejn)** |
|---|---|---|
| **United Kingdom** | General Certificate of Education Advanced level<br>— 2 passes or equivalent (grades A to E)<br>BTEC National Diploma<br>General National Vocational Qualification (GNVQ), advanced level<br>Advanced Vocational Certificate of Education, A level (VCE A level)<br>**NOTE:**<br>UK diplomas awarded on or before 31 December 2020 are accepted without an equivalence statement.<br>UK diplomas awarded on or after 1 January 2021 must be accompanied by an equivalence statement issued by a competent authority of an EU Member State. | Higher National Diploma/ Certificate (BTEC)/SCOTVEC<br>Diploma of Higher Education (DipHE)<br>National Vocational Qualifications (NVQ) and Scottish Vocational Qualifications (SVQ) level 4 |

# ANNESS III

## TALBIET GĦAL RIEŻAMI – ILMENTI U APPELLI – ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

### A. Talbiet għal rieżami

Fi kwalunkwe stadju tal-proċedura ta' selezzjoni, tista' titlob rieżami ta' kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-kumitat ta' selezzjoni li tiġi indirizzata lilek u li taffettwak b'mod negattiv. Rieżami jista' jintalab jekk temmen li l-interessi tiegħek ġew ippreġudikati minħabba żball.

L-iskop tal-proċedura ta' rieżami huwa li tippermetti lill-kumitat ta' selezzjoni jikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni kkontestata u jemendaha meta jkun ġustifikat (pereżempju, jekk sar żball fl-evalwazzjoni). Il-kumitat ta' selezzjoni għalhekk jirrieżamina l-evalwazzjoni tiegħu u jew jikkonferma l-konklużjonijiet inizjali tiegħu jew joħroġ deċiżjoni riveduta. Il-fatt li tista' ma taqbilx mal-evalwazzjoni tal-kumitat ta' selezzjoni tal-prestazzjoni, il-kwalifiki jew l-esperjenza professjonali tiegħek ma jfissirx, minnu nnifsu, li sar żball fl-evalwazzjoni. Il-kumitat ta' selezzjoni għandu marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni meta jagħmel valutazzjonijiet f'dawn l-oqsma.

It-talbiet għal rieżami jridu jitressqu permezz tal-kont Apply4EP tiegħek fi żmien **10 ijiem kalendarji** mid-data li fiha tkun intbagħtet l-email li tinfurmak bid-deċiżjoni tal-kumitat ta' selezzjoni. It-talba tiegħek trid tiddikjara b'mod ċar li qed titlob rieżami u trid tinkludi spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet.

Deċiżjoni adottata wara talba għal rieżami tissostitwixxi d-deċiżjoni inizjali. Għal din ir-raġuni, jekk tissottometti talba għal rieżami, tintalab tistenna t-tweġiba tal-kumitat ta' selezzjoni qabel ma tressaq ilment amministrattiv jew tieħu azzjoni ġudizzjarja.

### B. Ilmenti amministrattivi u azzjoni ġudizzjarja

Jekk tqis li deċiżjoni meħuda mill-kumitat ta' selezzjoni jew mill-awtorità tal-ħatra tkun affettwatek b'mod negattiv, tista' tressaq ilment, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura ta' selezzjoni, skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea[4].

L-ilment għandu jiġi indirizzat lil:

The Secretary-General
European Parliament
Konrad Adenauer Building
2929 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tista' tressaq ilment billi tibgħat email lil AR90@europarl.europa.eu. Jekk tagħżel li tibgħat l-ilment tiegħek bl-email, taċċetta li l-komunikazzjonijiet kollha u d-deċiżjoni finali jintbagħtu fl-indirizz tal-email tiegħek. Barra minn hekk, tajjeb li tkun taf li jekk tibgħat l-ilment tiegħek bl-email, mhux meħtieġ li tibagħtu wkoll bil-posta.

Jekk jogħġbok innota li l-awtorità tal-ħatra ma tistax temenda jew iddawwar id-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-kumitati ta' selezzjoni fil-proċeduri ta' selezzjoni. Jekk l-awtorità tal-ħatra ssib żball proċedurali jew żball evidenti ta' evalwazzjoni, il-każ jiġi riferut lura lill-kumitat ta' selezzjoni għal evalwazzjoni

---

[4] Ara r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1), kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 723/2004 (ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1) u reċentement mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15).

mill-ġdid. Jekk tixtieq tikkontesta deċiżjoni ta' kumitat ta' selezzjoni, trid għaldaqstant tressaq appell direttament quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, mingħajr ma l-ewwel tressaq ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, azzjoni ġudizzjarja trid tiġi indirizzata lil:
General Court of the European Union
2925 Luxembourg
LUXEMBOURG.

L-appelli lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea jridu jsiru permezz ta' avukat jew avukata li jkunu awtorizzati jipprattikaw quddiem qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Il-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li japplikaw għal dawn iż-żewġ tipi ta' appelli jibdew jiddekorru jew mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni inizjali li tkun qed taffettwak b'mod negattiv jew, fil-każ biss ta' talba għal rieżami, mid-data li fiha tirċievi notifika bit-tweġiba inizjali tal-kumitat ta' selezzjoni għat-talba.

## C. Tressiq ta' lment lill-Ombudsman Ewropew

Bħala ċittadin(a) jew resident(a) tal-Unjoni Ewropea, tista' tressaq ilment lill-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom[5].

L-ilmenti għandhom jiġu indirizzati lil:

European Ombudsman
1, Avenue du Président Robert Schuman
B.P. 403 67001 Strasbourg Cedex
FRANCE.

Jekk jogħġbok innota li t-tressiq ta' lment lill-Ombudsman m'għandu l-ebda effett sospensiv fuq il-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għat-tressiq ta' appelli lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

F'konformità mal-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Ombudsman ma jeżaminax ilmenti fejn il-fatti allegati jkunu jew kienu s-suġġett ta' proċedimenti ġudizzjarji.

It-tressiq ta' talba għal rieżami, ilment, azzjoni, jew ilment lill-Ombudsman Ewropew m'għandu l-ebda effett sospensiv fuq ix-xogħol tal-kumitat ta' selezzjoni.

---

[5] ĠU L 253, 16.7.2021, p. 1, http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1163/oj.